



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Marzu 2021
(OR. en)

6323/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0030 (NLE)

FISC 32
ECOFIN 152
UK 51

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lir-Renju Unit japplika, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 16 u 168 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...

ta' ...

**li tawtorizza lir-Renju Unit japplika, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq,
miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 16 u 168 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE
dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud¹, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

Billi:

- (1) Ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea fil-31 ta' Jannar 2020 abbażi tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika¹ (il-“Ftehim dwar il-Ħruġ”). Għalhekk, il-liġi tal-Unjoni dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud (“VAT”) ma għadhiex applikabbli għar-Renju Unit jew fir-Renju Unit.
- (2) Madankollu, taħt l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 8 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq (il-“Protokoll”), li jiffirma parti integrali mill-Ftehim dwar il-Ħruġ, il-liġi tal-Unjoni dwar il-VAT tkompli tapplika għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq fir-rigward tal-merkanzija, soġġett għall-kunsens demokratiku msemmi fl-Artikolu 18 tal-Protokoll għall-kontinwazzjoni tal-applikazzjoni tal-Artikolu 8 tiegħu.
- (3) Għalhekk, persuni taxxabbli u ċerti persuni ġuridiċi mhux taxxabbli fir-Renju Unit jibqgħu soġġetti għal-liġi tal-Unjoni dwar il-VAT għal tranżazzjonijiet f'merkanzija fl-Irlanda ta' Fuq.
- (4) Taħt l-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE persuna taxxabbli hija intitolata tnaqqas il-VAT imposta fuq l-affarijiet li tkun xtrat għall-iskopijiet tat-tranżazzjonijiet taxxabbli. Madanakollu, l-Artikolu 16 ta' dik id-Direttiva jistabilixxi li l-applikazzjoni minn persuna taxxabbli ta' merkanzija li tiffirma parti mill-assi tan-negozju tagħha għall-użu privat tagħha jew tal-persunal tagħha għandha titqies bħala provvista bi ħlas, fejn il-VAT fuq dik il-merkanzija jew il-partijiet komponenti tagħha kienet deduċibbli kollha jew parti minnha. Din is-sistema tippermetti l-irkupru tal-VAT li tkun tnaqqset fil-bidu b'rabta mal-użu privat.

¹ ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

- (5) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/659/KE¹, ir-Renju Unit ġie awtorizzat li japplika, sal-31 ta' Diċembru 2015, miżura speċjali sabiex jiddetermina fuq bażi ta' rata fissa l-proporzjon tal-VAT mhux deduċibbli relatat mal-ispiża tal-fjuwil fil-karozzi tax-xogħol li ma jintużawx esklussivament għal skopijiet tan-negozju (il-“miżura speċjali”). Il-miżura speċjali, li hija fakultattiva għall-persuni taxxabbli, hija bbażata fuq il-livell tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mill-karozza, peress li hemm korrelazzjoni proporzjonali bejn l-emissjonijiet u l-konsum tal-fjuwil u, għalhekk, mal-infiq fuq il-fjuwil.
- (6) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2109², ir-Renju Unit ġie awtorizzat ikompli japplika l-miżura speċjali sal-31 ta' Diċembru 2018. Estensjoni oħra, sal-31 ta' Diċembru 2020, ingħatat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1918³.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/659/KE tal-25 ta' Settembru 2006 li tawtorizza lir-Renju Unit biex jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 5(6) u 11(A)(1)(b) tad-Direttiva 77/388/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-taxxi fuq it-turnover (ĠU L 272, 3.10.2006, p. 15).

² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2109 tas-17 ta' Novembru 2015 li tawtorizza lir-Renju Unit biex japplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 26(1)(a), 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 305, 21.11.2015, p. 49).

³ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1918 tal-4 ta' Diċembru 2018 li tawtorizza lir-Renju Unit japplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikoli 16 u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 311, 7.12.2018, p. 30).

- (7) Permezz ta' ittra reġistrata mal-Kummissjoni fis-27 ta' Novembru 2020, ir-Renju Unit talab, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, l-awtorizzazzjoni biex ikompli japplika l-miżura speċjali sal-1 ta' Jannar 2021. It-talba inkludiet spjegazzjoni dwar il-funzjonament tal-miżura speċjali.
- (8) Il-Kummissjoni għaddiet it-talba li saret mir-Renju Unit lill-Istati Membri l-oħra permezz ta' ittra datata l-10 ta' Diċembru 2020. B'ittra datata l-11 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Renju Unit li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.
- (9) Skont ir-Renju Unit, il-miżura speċjali pprovdiet proċedura simplifikata effiċjenti għall-ġbir tal-VAT fir-rigward tan-nefqa fuq il-fjuwil għall-karozzi tax-xogħol użati parzjalment għal skopijiet privati, kemm għall-persuni taxxabbli kif ukoll għall-awtorità tat-taxxa. Għalhekk huwa xieraq li r-Renju Unit jiġi awtorizzat, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, ikompli japplika l-miżura speċjali.
- (10) Id-deroga jenħtieġ li tkun limitata fiż-żmien sal-31 ta' Diċembru 2023, għaliex huwa neċessarju li perjodikament jerġa' jiġi vvalutat jekk is-sistema ta' rata fissa għadhiex tirrifletti korrettament it-tqassim kumplessiv bejn l-użu tan-negozju u dak privat.

- (11) F'konformità mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 8 tal-Protokoll, id-dħul li jirriżulta mit-tranżazzjonijiet taxxabli fl-Irlanda ta' Fuq ma għandux jingħata lill-Unjoni. Għalhekk, il-miżura speċjali mhu se jkollha l-ebda impatt fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jirriżultaw mill-VAT.
- (12) Sabiex ikunu evitati effetti interruttivi, jenħtieġ li r-Renju Unit jiġi awtorizzat japplika, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, il-miżura speċjali mingħajr interruzzjoni. Jenħtieġ għalhekk li l-awtorizzazzjoni mitluba tingħata b'effett mill-1 ta' Jannar 2021, sabiex tkompli bla xkiel bl-arranġamenti taħt id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1918,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'deroga mill-Artikoli 16 u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE, ir-Renju Unit huwa awtorizzat, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2023, li jiffissa, fuq bażi ta' rata fissa, il-proporzjon tal-VAT relatat mal-ispiża tal-fjuwil użat għal skopijiet privati fil-karozzi tax-xogħol.

Artikolu 2

Il-proporzjon tal-VAT imsemmi fl-Artikolu 1 għandu jiġi espress f'ammonti fissi, stabbiliti fuq il-bażi tal-livell ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju tat-tip ta' vettura, li jirrifletti l-konsum tal-fjuwil. Ir-Renju Unit għandu, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, jaġġusta dawk l-ammonti fissi annwalment biex jirrifletti l-bidliet fil-kost medju tal-fjuwil.

Artikolu 3

Is-sistema stabbilita fuq il-bażi ta' din id-Direttiva għandha tkun fakultattiva għall-persuni taxxabbli.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
